KUNSILL LOKALI - GĦAXAQ - LOCAL COUNCIL
15, Vjal il-Labour, Għaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

# MINUTI

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ

## IS-SEBGĦA (7) LEĠISLATURA

### *Laqgħa Numru Tnejn u Sittin (62)*

***It-Tnejn, 28 ta' Novembru, 2016***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq iltaqa' fl-Uffiċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'15, Vjal il-Labour, Ħal Għaxaq fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (5:30pm). Dan wara qbil mir-rapprezentanti kollha li l-laqgha ssir fit-28 ta' Novembru minflok fid-29 ta' Novembru 2016.

**PREZENTI:**

IS-SINDKU DARREN ABELA
Il-VICI SINDKU EMANUEL VASSALLO
IL-KUNSILLIERA ROSE AGIUS
IL-KUNSILLIER KEITH FENECH
IL-KUNSILLIERA MARIANNE SCHEMBRI

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

SEGRETARJU EZEKUTTIV - FIONA SAID

**MINUTI**

Is-Sindku Darren Abela ippresjeda l-laqgħa.

***Il-Laqgħa tal-Kunsill bdiet fis-5.45pm***

**62.1 Qari tal-ittri ta' apologiji**

62.1.1 Ma tressqu l-ebda ittri ta' apologiji

**62.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

62.2.1 Is-Sindku Darren Abela ressaq fuq il-mejda tal-Kunsil ghall-approvazzjoni, il-Minuti tal-Laqgha Numru 61 li nzammet nhar it-Tlieta, 25 ta' Ottubru 2016.

62.2.2 Il-Minuti tal-Laqgha Numru 61 tqassmu minn qabel u ghaldaqstant unanimament gew ikkunsidrati bhala moqrija.

62.2.3 Il-Kunsilliera Rose Agius staqsiet rigward materja numru 61.4.6. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li intbaghtet ittra lill-kuntrattur fejn gie nfurmat bl-ezitu tal-laqgha u dak li gie maqbul mill-Kunsill fil-laqgha tal-25 ta' Ottubru 2016.

***F'dan l-istadju tal-Laqgha attenda l-kunsillier Keith Fenech (6:00pm)***

62.2.5 Is-Sindku Darren Abela ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha Numru 61. Il-Minuti tal-Laqgha tal-Kunsill Numru 61 gew approvati unanimament.

**62.3 Korrispondenza**

62.3.1 Tressqet korrispondenza minghand l-Iskola Primarja rigward talba sabiex ikun hemm pulizija jassisti lit-tfal li se jkunu qeghdin jaghmlu *Carol Singing* madwar il-lokalita' nhar l-14 ta' Dicembru 2016. Il-Kunsill qabel li jaghmel talba lil pulizija u naghlqu triq bil-bollards.

***F'dan l-istadju tal-laqgha attenda il-Vici Sindku Emanuel Vassallo (6:05pm)***

62.3.2 Tressqet korrispondenza minghand is-Superjur tal-Muzew tas-Subien dwar il-Purcissjoni Tradizzjonali tal-Milied li ssir fl-24 ta' Dicembru 2016 fil-5.30pm. Il-Kunsill ma jsib l-ebda oggezzjoni.

62.3.3 Tressqet korrispondenza mill-iSkola Medja ta' Hal Kirkop dwar talba sabiex l-iskola tinghata fondi biex jintefqu f'rizorsi fil-librerija. Il-Kunsill qabel li f'dan l-istadju ma jinghatawx fondi.

62.3.4 Tressqet kwotazzjoni minghand PTL Limited dwar CCTV cameras li jistghu jigu nstallati fil-lokal li jahdmu b'sistema solari u li jistghu jigu moniterjati permezz ta' sit elettroniku. Il-Kunsill ma qabilx li dawn il-cameras jigu nstallati minhabba li mhumiex viabbli. Is-Sindku propona li tintbaghat ittra b'avukat lil persuna li kien baghat l-kwotazzjoni lis-Sindku tal-cameras solari dwar jekk hux ser jitkompla x-xoghol.

62.3.5 Tressqet Cirkulari Numru 38/2016 rigward Fondi Pubblici minfuqa ghal finanzjament ta' Ghaqdiet. Din ic-Cirkulari harget sabiex il-Kunsilli ikunu in linea mal-ligi dwar attivitajiet. Is-Segretarju Ezekuttiv irrimarkat li l-Attivita' li l-Kunsill se jaghmel f'Dicembru mhiex konformi mar-regolamenti dwar l-Attivitajiet. Is-Sindku Darren Abela qal li minhabba li l-preparamenti ghall-attivita' jinstabu fi stat avvanzat, din ghandha issir xorta. Dwar dan il-Kunsill ma sab l-ebda oggezzjoni.

62.3.6 Tressqet kwotazzjoni mill-Ghaqda Muzikali Santa Marija dwar it-Tizjin tal-Milied. L-ammont huwa ta' €1160. Il-Kunsill approva unanimament din il-kwotazzjoni.

62.3.7 Tressqu l-applikazzjonijiet tal-MEPA, fejn dawn kollha gew imqassma minn qabel. Hadd ma kellu oggezzjonijiet dwar l-applikazzjonijiet annessi mal-Minuti.

62.3.8 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li l-Ikla tal-Kunsill ghal zmien il-Milied ser issir fis-17 ta' Dicembru 2016, filwaqt li l-ikla ghall-anzjani ser issir fit-8 ta' Jannar 2017.

## <u>62.4 Tigdid tal-Kuntratti tas-CIES</u>

62.4.1 Tressqet korrispondenza rigward fondi allokati ghas-sena 2017 taht l-iskema CIES.

62.4.2 Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li bhala xoghol imwettaq mill-impjegat, dan huwa wiehed sodisfacenti. Hemm xi affarijiet li fl-opinjoni tas-Segretarju Ezekuttiv irridu jigu rrangati.

62.4.3 Il-Kunsill qabel li sakemm jibqa jinghata il-fondi mid-Dipartiment ghal din l-iskema, il-Kunsill ma jsib l-ebda oggezzjoni li dan il-kuntratt jiggedded ghal sena ohra.

## <u>62.5 Performance Bonus tal-haddiema tas-CWSEF</u>

62.5.1 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li l-General Manager tad-District Operations Ltd, il-kumpanija li thaddem il-haddiema tas-CWSEF qed titlob lil Kunsill ihallas performance bonus lil impjegati li jaqghu taht din l-iskema.

62.5.2 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li l-Kunsill ghandu jircievi direttiva mid-DLG dwar il-performance bonus. Ghaldaqstant il-Kunsill qabel li jistenna d-direttiva qabel jiehu decizjoni.

## 62.6 Kommemorazzjoni quddiem il-monument ta' Wenzu Dalli

62.6.1 Is-Sindku Darren Abela informa lil Kunsill li ser issir attivita' ta' kommemorazzjoni quddiem il-monument ta' Wenzu Dalli fejn il-Kunsill kollu huwa mistieden. Il-Kunsill qabel li ssir talba ghal pulizija minhabba li se tonorana il-prezenza tal-President ta' Malta.

## 62.7 Cirkulari Numru 31/2016: 0rdnijiet Permanenti

62.7.1 Is-Segretarju Ezekuttiv iccirkulat ic-Cirkulari Numru 31/2016 dwar l-Ordnijiet Permanenti sabiex jigu nnotati mill-membri tal-Kunsill kollu.

62.7.1 Is-Segretarju Ezekuttiv fakkret dwar il-procedura ta' kif ghandhom isiru il-laqghat, ta' kif ghandhom jittiehdu id-decizjonijiet waqt il-laqghat permezz ta' mozzjonijiet u dwar l-attendenza tal-membri tal-Kunsill fil-laqghat tal-Kunsill.

## 62.8 Cirkulari Numru 40/2016: Kodici tal-Etika

62.8.1 Is-Segretarju Ezekuttiv iccirkulat ukoll ic-cirkulari Numru 40/2016 dwar il-kodici tal-etika bil-ghan li jispecifika l-livell ta' mgieba tal-membri eletti tal-Gvern Lokali.

## 62.9 Allokazzjoni Finanzjarja ghas-sena 2017

62.9.1 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li l-allokazzjoni tal-Kunsill ghas-sena 2017 ammontat ghal €339,866.85 b'zieda ta' €18,728.85. Is-Segretarju Ezekuttiv tat spjegazzjoni ta' kif gew allokati dawn il-fondi.

## 62.10 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

62.10.1 Is-Sindku Darren Abela informa lil Kunsill li ser ikun imsiefer bejn is-6 u l-10 ta' Dicembru.

62.10.1 Is-Sindku Darren Abela stieden lil Vici sabiex jattendi ghall-ikla tar-Regjun minhabba li din is-sena kien prezenti ghal diversi laqghat tar-Regjun fl-assenza tas-Sindku.

***F'dan l-istadju tal-laqgha, il-Kunsillier Keith Fenech talab li jkun skuzat (19:30)***

62.10.2 Is-Sindku Darren Abela propona li jsir enforcement f'ghalqa li tinsab fi Triq it-Tumbarellu minhabba ammont ta' skart illegali li qed jintefa' f'din l-ghalqa. Il-Kunsill qabel.

62.10.3 Is-Sindku Darren Abela qal li fi Sqaq Numru 2 saret trinka bla permess. Il-Kunsill qabel li din tigi rrapurtata lit-Transport Malta.

62.10.4 Is-Sindku Darren Abela qal li fi Triq Has Saptan hemm xi xkejjer mormija. Il-Kunsill qabel li jitnehhew u jintremew fil-*landfill*.

62.10.5 Is-Sindku Darren Abela qal li ircieva l-approvazzjoni mill-MEPA sabiex jitnehhew il-konki li hemm fil-Housing Estate u jsiru parkeggi. Il-Kunsilliera Rose Agius qalet li dik iz-zona taqa' taht ir-responsabbilita tal-Housing Authority u ghaldaqstant il-Kunsill ghandu jinforma lill-Awtorita' dwar dan.

62.10.6 Is-Sindku Darren Abela semma li hemm zona f'Bir id-Deheb li din tista' ssir parkegg. Il-Kunsill qabel li titressaq talba lid-Dipartiment tal-Artijiet.

***F'dan l-istadju tal-laqgha is-Sindku Darren Abela issospenda l-laqgha (19:41). Il-laqgha tkompliet fit-19:46***

**62.11 Mistoqsijiet u Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

62.11.1 Il-Kunsilliera Rose Agius ressqet ilment rigward dawl mitfi fi Gnien 2000.

62.11.2 Il-Vici Sindku Emanuel Vassalli ressaq ilment rigward hofra fi Triq il-Belt Valletta.

62.11.3 Il-Vici Sindku Emanuel Vassallo ressaq ilment rigward arblu numru 6 fi Triq il-Belt Valletta li jinsab mitfi.

62.11.4 Il-Kunsilliera Rose Agius ressqet ilment rigward hofra fi Triq id-Dejl quddiem numru 26.

62.11.5 Il-Kunsilliera Rose Agius ressqet proposta sabiex jibda jinghalaq il-*mini pitch*, minhabba l-abbuzi. Il-Kunsill qabel li jinforma lill-kuntrattur tat-tindif tal-lettrini pubblici sabiex jaghmel dan meta jaghlaq il-lettrini.

**62.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti**

A. ***Skeda ta' Pagamenti : Numru 62/2016 –Novembru 2016***

61.1.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ippreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 62-2016 biċ-ċekkijiet numru 5413 sa 5455 li tammonta €36557.63

61.1.2 Għaldaqstant is-Sindku ressaq il-mozzjoni għall-approvazzjoni tal-ammont ta' €36557.63
Proponent: il-Kunsilliera Rose Agius
Sekondant: il-Vici Sindku Emanuel Vassallo

61.1.3 Wara mozzjoni imressqa mis-Sindku Darren Abela, l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 62-2016 ġiet approvata unanimament.

***B. Petty Cash – Novembru 2016***

61.1.4 Is-Segretarju Eżekuttiv tat spjegazzjoni tal-ispejjeż li ntefqu permezz tal-*Petty Cash* li jammontaw għal €91.75

61.2.5 L-ammont ta' Petty Cash imsemmi f'materja 2.5 ġie approvat unanimament.

**62.13 <u>Tmiem tal-Laqgha u d-data tas-Seduta li jmiss</u>**

62.13.1 Il-Laqgha giet aggornata ghal nhar Erbgha 14 ta' Dicembru 2016 fil-5.30pm

Il-Laqgha ntemmet fit-8.00pm

| | |
|---|---|
| ______________________ | ______________________ |
| Fiona Said | ikkonfermati |
| Segretarju Ezekuttiv | Darren Abela |
| | Sindku |